31998D0214

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Marzu 1998

dwar il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-prodotti tal-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' prodotti metalliċi strutturali u prodotti ancillari

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/214/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw prodotti tal-bini [1], kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni hija meħtieġa li tagħżel, bħal bejn iż-żewġ proċeduri skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ta' prodott, "l-inqas proċedura diffiċli possibbli konsistenti mas-sigurtà"; billi dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun deċiż jekk, għal xi prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hix kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità, jew jekk, għal raġunijiet li jirrigwardaw il-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp approvat taċ-ċertifikazzjoni huwa għalhekk meħtieġ;

Billi l-Artikolu 13(4) jeħtieġ li l-proċedura, b'dan il-mod hekk iddeterminata, għandha tkun indikata fil-preskritti u fil-karatteristiċi tekniċi; billi, għalhekk, tinħass ix-xewqa li jkun definit il-kunċett ta' prodotti jew familja ta' prodotti kif użat fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi;

Billi ż-żewġ proċeduri li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jkunu speċifikati sewwa l-metodi li bihom iż-żewg proċeduri għandhom jitwettqu, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, peress li l-Anness III jagħti preferenza għal ċerti sistemi;

Billi l-proċedura riferita fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi elenkati fl-ewwel possibiltà, minghajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u tielet possibbiltajiet tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi elenkati fil-punt (i) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Kostruzzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom iċċertifikata bi proċedura li, permezz tagħha, barra mis-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika mwettqa mill-fabbrikant, korp approvat taċ-ċertifikazzjoni jkun involut fil-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott inniffsu.

Artikolu 2

Il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità kif stabbilita fl-Anness II għandha tkun indikata fil-mandati għal *standards* armonizzati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

ANNESS I

Sezzjonijiet/profili metalliċi strutturali

Sezzjonijiet/profili rrumblati bis-sħana, iffurmati keshin jew prodotti b'xi mod ieħor f'diversi forom (T, L, H, U, Z, I, kanali, angletti, vojta minn ġewwa, tubaturi) prodotti ċatti (pjanċi, folji, strippi), vireg, fondut, xogħol tal-forġa magħmul minn diversi materjali metalliċi, mhux protett jew protett kontra l-korrożjoni b'kisja.

Elementi strutturali metalliċi tal-kostruzzjoni

Prodotti metalliċi lesti bħal gwarniċjar tal-metall għas-soffitti (ta' kwalità għal użu qawwi), saljaturi, puntali, kolonni, turġien, pilastri ta' l-art, pilastri biex iġorru l-piż u *sheet piling*, sezzjonijiet maqtugħin u mfassla għal ċerti applikazzjonijiet, u linji u travetti.

Dawn jistgħu jkunu mhux protetti jew protetti kontra l-korrożjoni b'kisja, weldjati jew le.

Materjal ta' l-iwweldjar

Konnetturi strutturali

Msiemer irbattuti tal-metall, boltijiet (skorfini u ċrieki metalliċi) u boltijiet H. R. (boltijiet ta' saħħa kbira li jorbtu bl-għeriq), imsiemer, viti, rbit tal-linja tal-ferrovija.

ANNESS II

FAMILJA TA' PRODOTTI

PRODOTTI METALLIĊI STRUTTURALI U ANĊILLARI (1/4)

1. **Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) elenkati hawn taħt, CEN/CENELEC huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità fil-livell(i) armonizzat relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiżi	Livell(i) jew klassi(jiet)	Sistema(i) ta' ċertifikazzjoni tal-konformità
Sezzjonijiet/profili metalliċi strutturali			
Sezzjonijiet/profili rrumblati bis-sħana, iffurmati kesħin jew prodotti b'xi mod ieħor f'diversi forom (T,L,H,U,Z,I, kanali, angletti, vojta minn ġewwa, tubaturi) prodotti ċatti (pjanċi, folji, strippi), vireg, fondut, xogħol tal-forġa magħmul minn diversi materjali metalliċi, mhux protett jew protett kontra l-korrożjoni b'kisja.	Għal użu fi strutturi metalliċI jew strutturi komposti tal-metal u l-konkrit		2+ (1)

(1) Sistema 2+ : Ara l-Anness III (2) (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibilità, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' sorveljanza, valutazzjoni u approvazzjoni kontinwa.

2. **Il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mill-CEN dwar il-karatteristiċi taċ-ċertifikazzjoni ta' sistema tal-konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma tkunx teħtieġ determinazzjoni għal xi karatteristika partikolari, minħabba li ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda ħtieġa legali għal ċertu karatteristika [ara l-Artikolu 2.1 tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-Dokumenti Interpretattivi]. F'dawn il-każi il-verifika ta' din il-karatteristika m'għandiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI

PRODOTTI METTALIĊI STRUTTURALI U ANĊILLARI (2/4)

1. **Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) intiżi elenkati hawn taħt, il-CEN/CENELEC huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità fil-livell(i) armonizzat relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiżi	Livell(i) jew klassi (jiet)	Sistema(i) ta' ċertifikazzjoni tal-konformità
Elementi metalliċi strutturali tal-kostruzzjoni			
Prodotti metalliċi lesti bħal ma huma saljaturi, puntali, kolonni, turġien, pilastri ta' l-art, pilastri għall-erfieh u *sheet piling,* sezzjonijiet maqtugħin u mfassla għal ċerti applikazzjonijiet, u linji u travetti.	għall-użu fil-gwarniċi u l-pedamenti tax-xogħol	—	2 + ([1])
Jistgħu jkunu bla protezzjoni jew protetti kontra l-korrożjoni b'kisja, sew jekk iweldjati u anki jekk le			
Elementi strutturali metalliċi tal-kostruzzjoni			
Gwarniċċjar komplut tal-metall għal soffitti (għal użu ta' xogħol qawwi)	Għal użu fi gwarniċi tax-xogħol	(A,B,C) ([2])	1 ([3])
Jistgħu jkunu mingħajr protezzjoni jew protetti kontra l-korrożjoni b'kisja, sew jekk iweldjati u anki jekk le.		(A,B,C) ([4]) D, E, F, A ([5])	2 + ([1])

([1]) Sistema 2+: Ara l-Anness III(2)(ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibilità, li tinkludi ċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' sorveljanza kontinua, valutazzjoni u approvazzjoni.
([2]) Materjal li għalih ir-reazzjoni għall-għemil tan-nar hi suxxettibbli għal tibdil matul il-produzzjoni (Ġeneralment, dawk soġġetti għall-modifikazzjoni kimika, e.g. "dewwiema ta' kontra n-nirien", jew meta tibdil fil-komposizzjoni jista' jwassal għal tibdil fir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar)
([3]) Sistema 1 : Ara CPD l-Anness III(2)(ii), mingħajr "awditjar tat-testijiet" tal-kampjuni
([4]) Materjal li għalih ir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar mhix suxxettibbli għal tibdil matul il-proċess tal-produzzjoni
([5]) Materjal ta' klassi A li skond id-Deċiżjoni 96/603/KE m'għandux bżonn ta' testijiet ta' reazzjoni għan-nar.

2. **Il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu applikati mill-CEN dwar il-karatteristiċi taċ-ċertifikazzjoni tas-sistema tal-konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkollhiex bżonn li tkun stabbilita għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu ebda ħtieġa legali għal ċertu karatteristika [ara l-Artikolu 2.1 tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-Dokumenti Interpretattivi]. F'dawn il-każi il-verifika ta' din il-karatteristika m'għandiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dna ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI

PRODOTTI METTALIĊI STRUTTURALI U ANĊILLARI (3/4)

1. **Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) ntiżi elenkati hawn taħt, il- CEN/CENELEC huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' ċertifikazzjoni tal-konformità fil-livell(i) armonizzat relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiżi	Livell(i) jew klassi (jiet)	Sistema(i) ta' ċertifikazzjoni tal-konformità
Materjal għall-iwweldjar	għall-użu f'xogħolijiet strutturali metalliċi		2 + ([1])

([1]) Sistema 2+ : Ara l-Anness III(2)(ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibilità, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-kontrol tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' sorveljanza, valutazzjoni u approvazzjoni kontinwa.

2. **Kondizzjonijiet li għandhom ikunu applikati mill-CEN dwar il-karatteristiċi taċ-ċertifikazzjoni ta' sistema ta' konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkollhiex bżonn li tkun stabbilita għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda ħtieġa legali għal ċertu karatteristika [ara l-Artikolu 2.1 tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-Dokumenti Interpretattivi]. F'dawn il-każi l-verifika ta' din il-karatteristika m'għandiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.

FAMILJA TA' PRODOTTI

PRODOTTI METTALIĊI STRUTTURALI U ANĊILLARI (4/4)

1. **Sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) ntiżi elenkati hawn taħt, il- CEN/CENELEC huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' ċertifikazzjoni tal-konformità fil-livell(i) armonizzat relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiżi	Livell(i) jew klassi (jiet)	Sistema(i) ta' ċertifikazzjoni tal-konformità
Konnetturi Strutturali			
Msiemer irbattuti tal-metall, boltijiet (skorfini u ċrieki tal-metall) u boltijiet H. R. (boltijiet ta' saħħa kbira li jorbtu bl-għeriq), msiemer, viti, rbit tal-ferrovija	Għall-użu f'xogħolijiet metalliċi strutturali		2 + ([1])

([1]) Sistema 2 + : Ara l-Anness III(2)(ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, l-ewwel possibiltà, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-kontroll ta'l-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' sorveljanza, valutazzjoni u approvazzjoni kontinwa.

2. **Il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu applikati mill-CEN dwar il-karatteristiċi taċ-ċertifikazzjoni ta' sistema ta' konformità.**

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'mod li tista' titwettaq ukoll meta l-imġieba ma jkollhiex bżonn li tkun stabbilita għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda ħtieġa legali għal ċertu karatteristika [ara l-Artikolu 2.1 tal-CPD u, meta applikabbli, il-klawsola 1,2,3 tad-Dokumenti Interpretattivi]. F'dawn il-każi l-verifika ta' din il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba tal-prodott f'dan ir-rigward.